**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Gunju 2022**

**Rikors Guramentat Nru 49/2020 AGV**

**SA**

**Vs**

**KW**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' SA**

1. Illi mir-relazzjoni bejn il-partijiet twieled minuri Z M J W li twieled nhar il-5 ta' Settembru tas-sena 2013(ara Dok.A).

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat u l-esponenti intavolat proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigi regolat dak kollu li jirrigwarda lill-wild minuri, partikolarment kura u kustodja, access u manteniment.

3. Illi sussegwentement, il-partijiet kienu attendew diversi seduti ta' medjazzjoni sabiex jilhqu ftehim bonarju izda dan ma rnexxiex minhabba li l-attitudni tal-konvenut kemm waqt l-access u anke peress li rrifjuta milli jhallas l-arretrati ta' manteniment u anke dawk mensili hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi ghalhekk l-esponenti ntavolat rikors sabiex tigi awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja); liema Qorti laqghet it-talba tal-esponenti permezz ta' digriet moghti seduta stante nhar is-7 ta' Frar, 2020 (ara Dok. B).

Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tordna l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Z M J W ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti;

2. Tawtorizza lill-esponenti tiehu decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti tal-minuri Z M J W, minghajr il-kunsens tal-konvenut u li taghti dawk il-provvedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri fl-ahjar interess taghha.

3. Tordna li l-minuri Z M J W ghandu jirrisjedi mal-esponent u li d-domicilju u residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin.

4. Tordna li l-access tal-konvenut ghall-minuri jkun taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite' assessments appoziti, tenut kont l-agir irresponsabbli tal-konvenut li jesponi lill-minuri ghal affarijiet ta' naturali sesswali u ghandu wkoll il-vizzju tad-drogi u anke jittraffika d-drogi u taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri.

5. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment u spejjez kollha relatati mal-minuri li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-insemmija minuri u jibqa hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedi li jibqa' jistudja, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigi depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, ic-children's allowance, fl-intier taghhom.

6. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikun ghadu qed jistudja, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas li dawn l-ispejjez kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment.

7. Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment u/jew ta' spejjez kollha ohra relatati mal-minuri lill-esponenti minn meta l-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom; u dan skond il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

   Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkuz il-proceduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut KW illi jirrisjedi fin-numru ufficjali 85, fi Triq il-Borg, Paola li eccepixxa s-segwenti:-

1.Illi preliminarjament il-konvenut jirrespingi t-talbiet kollha tal-attrici SA bhala intiza cara illi tpingi lil konvenut b'mod hazin u irresponsabbli.

2. Illi huwa principju ben assodat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' konguntiva dejjem fl-ahjar interess tal-minuri u dan wara illi l-attrici uriet bl-aktar mod car, waqt il-medjazzjoni illi hija ma kellha l-ebda intenzjoni jew raguni dwar kif il-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tigi esklussivament f'idejha.

3. Illi l-esponenti qieghda tittenta tikkonvinci lil din l-Qorti illi l-minuri ghandu jkun fdat esklussivament f'dejha u dan wara li jidher li nesiet tinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi kienet hi stess illi spiccat residenta gewwa ' Dar Merhba Bik' u dan wara illi saru diversi avvenimenti tal-wahx u mhux xieraq fl-istess residenza illi jirrisjedi il-minuri Z M J W, xi haga illi gabet b'idejha hija stess.

4. Illi kien il-konvenut stess illi talab u kiseb l-ghajnuna tas-social workers sabiex dawn l-avvenimenti jigu mwaqqfa immedjatament billi t-tifel kien kontinwament ikun mbezzgha u jirrakkonta diversi stejjer lil istess missier, xi haga illi ser tigi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

5.Illi waqt il-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet, il-konvenut kien dejjem lest illi jikkopera, dejjem fl-ahjar interess tal-minuri u fl-ahjar dedikazzjoni bhala missier.

6.Illi hija l-attrici stess illi qiedgha tonqos mill tipproduci l-ircevuti relatati mal-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u ghalhekk ma tista' qatt tippretendi lis-Sinjur W ihallas l-arretrati.

6. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz kienet l-attrici illi qatt ma kienet kuntenta bl-ammont tal-manteniment hekk li dejjem talbitu qabel iz-zmien minghajr ma aderixxiet ruhha mad-digriet tal-Qorti u hadet hafna zmien sabiex tipprovdi numru ta' kont bankarju fejn kellhom jigu ddepozitati l-istess hlasijiet.

7. Illi l-konvenut ma naqas qatt mill-obbligi tieghu vis a vis l-minuri izda kienet l-attrici stess li ma provditx id-dettalji necessarji relatati mal-manteniment.

8. Il-konvenut qatt ma sab problema illi jghaddi il-manteniment lejn ibnu u kien anki sahansitra jitlob flus sabiex jghaqqad l-ammont dovut lil missieru stess illi prezentament jinsab qed idur bih billi ghandu dizabilita' izda hekk kif infurma lis-Sinjura A illi kien ser ikun hemm daqsxejn dewmien mhux aktar minn gimaghtejn, l-esponenti ideciediet illi taqtalu l-access kompletament minn mal-minuri!

9. Di piu' il-hsara li saret lil minuri ma kenitx bin-nuqqas ta' manteniment stante illi waqt li l-attrici kienet gewwa d-Dar Merhba Bik hemmhekk kienu jipprovdulha kollox u ma setghetx tipprovdi hi ghal minuri ghaliex kien kollox moghti mill-istess agenzjia.

10. Biex wiehed juri l-aspett holistiku l-esponenti naqset drastikament milli taghti access lil missier l-minuri u cahdet kull relazzjoni illi l-minuri seta' jibni ma' missieru ghal 7 xhur shah.

11. Illi jidher b'mod car illi l-attrici qieghda tpingi lil konvenut bhala bniedem irresponsabbli minghajr ma thares lejn in-nuqqasijiet u d-diffikultajiet illi holqot hi stess bejn il-minuri u l-missier.

12. Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jsirulu testijiet kif mitluba mill-attrici stante illi m'ghandu xejn x'jahbi u ma ghandu l-ebda vizzju kif qieghed jigi allegat mill-attrici.

13. Illi bhala access ma hemmx raguni valida fi hdan il-Ligi ghala ghandha tinzamm gewwa l-Agenzjija Appogg u dan tenut tal-fatt illi l-missier kien minn dejjem f' hajjet il-minuri bla ebda diffikulta' sakemm l-attrici ddecidiet li tkisser dak li bena l-missier b'ghemil tajjeb.

14. Illi l-konvenut KW jirrispingi is-seba' (7) talba ghaliex huwa qatt ma naqas milli jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet li kellhu ZW anki sahansitra meta intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet u dan anki qabel nghata digriet, xi haga illi l-attrici ammettiet quddiem il-medjatrici Barbara O'Brien.

15. Illi l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha ghandhom jibqghu a karigu taz-zewg partijiet f'porzjonijiet ugwali bejniethom.

Ghaldaqstant, il-konvenut jaghlaq billi jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra din ir-riposta bhala wahda genwiena u li timmerita attenzjoni dejjem fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1.L-attrici ltaqghet mal-konvenut fis-sena 2012 u wara seba' xhur kienet harget tqila bit-tifel ZW . Dak iz-zmien kienu jghinu lil xulxin peress li t-tnejn kienu jahdmu, izda kien hemm problema peress li l-konvenut kellu l-vizzju

tad-droga, ipejjep il-haxixa u jbieghha. Pero' ma riedx jieqaf u dejjem kien ikollhom xi jghidu fuq dina l-kwistjoni.

Fil-5 ta' Settembru, 2013, twieled it-tifel u sfortunatament twieled b'saqajh mghawwgin bil-kundizzjoni maghrufa bhala club foot. Il-konvenut hadha bil-kbira u mill-ghada stess ma riedx iktar kuntatt maghha u mat-tifel, anke jekk kienet iccempillu u tibghatlu l-messaggi.

Kien thossha mkissra peress li kienet tiehu lit-tifel ghall-kura u kienet tmur maghha ommha, izda l-konvenut qatt m'akkumpanjaha. Kien ghalhekk li ddecidiet li tkellem avukat sabiex tiehu l-kura u kustodja tal-minuri, il-konvenut ma riedx itiha manteniment peress li ma kienx qed jahdem. Iffirmaw karta bejniethom pero' l-konvenut sparixxa minn hajjithom anke jekk kienet tibghatlu biex izommu aggornat fuq it-tifel.

L-attrici tikkonferma li l-konvenut qatt ma kien ighinha finanzjarjament minn meta twieled it-tifel. Kienet tkampa bil-beneficcji socjali u bl-ghajnuna finanzjarja t'ommha. Kienet tipprova takkwista l-kura li kellu bzonn it-tifel b'xejn u thallas dak li setghet ghall-medicini.

Fl-2015 bdiet tircievi minghand is-sigurta' socjali sabiex jikkonfermaw jekk il-konvenut kienx qed ighaddilha manteniment peress li skond ir-ricerki taghhom kien jirrizulta li l-konvenut kien qed jahdem. Accenat li ma kellhiex kuntatt mieghu u mid-Dipartiment kienu rrakkomnadaw li titlob l-assistenza mill-avukat tal-ghajununa legali.

F'Marzu, 2016, l-avukat kien fetah il-proceduri tal-Qorti u waqt il-medjazzjoni kienu ftehmu li l-manteniment ikun dak ta' €200 fix-xahar u nofs

l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha, izda xorta l-konvenut ma hallasx. Fuq l-access, il-konvenut kien jiehdu jorqod mieghu, izda t-tifel ma kienx iridu u kien jaghmel ix-xenati. Kienet ipproponiet li tkun prezenti waqt l-access, izda r-reazzjoni tal-minuri kienet l-istess, tant li l-konvenut baqa' jinsisti li jzommu hu. It-tifel kien qalilha li kien jibza' li missieru ma kienx jiehdu lura ghand ommu, izda dejjem irritornah.

Il-problema kienet li l-konvenut ma kienx dejjem regolari ghall-access u l-aktar li kien jiehdu kien fil-weekend bejn is-Sibt u l-Hadd u gieli kien hemm drabi ma kienx jitfacca.

Fl-2019, l-attrici tghid li kienet qed tigi mheddha mill-ex partner taghha TB u minhabba f'hekk kellha tmur toqghod f'Dar Merhba Bik mat-tfal taghha, Kienet infurmat lill-konvenut u kien imur jigbor lit-tifel minn hemmhekk.

Tispjega li kienet tinstab preokkupata peress li t-tifel minuri xorta kien baqa' jibki biex ma jmurx ma' missieru u kien ighidilha li missieru kien ipejjep quddiemu, kien igieghlu jmiss sider il-partner tieghu LB , kif ukoll kien jarahom jinhaslu flimkien. L-attrici kienet avzat lill-konvenut sabiex joqghod attent x'isir quddiem it-tifel. Minhabba f'hekk kienet inqalghet glieda u kien avzaha li kien ser jiggieled ghat-tifel.

Kien ghalhekk li kienet kriet apartment il-Bahrija u dan minhabba li l-konvenut kien fetah proceduri l-Qorti. L-Appogg kienu bdew jaghmlu l-investigazzjonjiet taghhom u kienu marru jzuruha ghallarieda u l-istess kienu ghamlu mal-konvenut, li kien ammetta maghhom ukoll li kien jabbuza mid-droga.

F'Novembru, 2019, l-Appogg kien ipprezenta rapport fejn ikkonkludew li l-kura u kustodja ghandha tibqa' f'idejn l-attrici u dan meta l-ambjent fejn kien qed jitrabba l-minuri kien iktar nadif u decenti minn dak fejn kien qed ighix il-konvenut.

Fl-istess zmien, l-attrici kienet ghamlet talba lill-Qorti sabiex tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri u fil-fatt gie ordnat ihallas €250 fix-xahar, li jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha bl-effett mill-1 ta' Awissu, 2019. Kien hallas €300 darba f'Dicembru, ghax kien wieghdha li ser ihallas €50 zejda ma' kull pagament sabiex jaghmel tajjeb ghall-arretrati minn Awissu.

Wara li l-ex partner tal-konvenut kienet ilmentat mal-attrici li l-konvenut kien ghadu qed jabbuza mid-droga u anke jittraffikaha, ma kienx qed jiehu hsieb it-tifel u kienet tispicca tiehu hsiebu hi. Qaltilha ukoll li kien hemm darba fejn hallih warajh il-bandli. Ghalhekk kienet fethet proceduri l-Qorti sabiex titlob li l-access tal-konvenut ghall-minuri jsir taht supervizjoni u sabiex tordna lill-konvenut isegwi programm ta' terapija.

Sadanittant kienet waqfghet taghtih it-tifel peress li t-tifel kien sar aghar meta kien ikollu jiltaqa' ma' missieru. Kien anke jwasslu waqt li jkun qed ipejjep il-haxixa. Kienet ikkonfrontatu u avzatu li jekk ma kienx ser jiehu kura ma kienx ser jara lit-tifel izjed. Minn dakinhar ma baqax jibghatilha sabiex jara lill-minuri u lanqas ma baqa' jhallas manteniment.

Peress li l-konvenut qatt ma kien involut fit-trobbija tat-tifel, l-attrici tinsisti li hi tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u tiehu d-decizjonijiet rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-istess, peress li minn dejjem kien ikollha problemi sabiex il-konvenut jiffirmalha.

Illum tinsisti li l-access ghandu jibqa' taht supervizjoni sabiex il-konvenut jibni relazzjoni ma' ibnu u l-istess minuri ma jkunx espost ghal certi riskji.

Dwar il-manteniment, l-attrici tikkonferma li minn dejjem kienet qed titlob lill-konvenut sabiex ihallasha l-arretrati ta' manteniment lura sa Marzu, 2016,

izda qatt ma tahomlha. Kien hallas biss €600 b'kollox. Qed titlob l-arretrati in vista tal-ispejjes medici li kellha minhabba l-minuri.

L-attrici tinsisti li l-manteniment jibqa' dak li kienet ordnat il-Qorti fl-ammont ta' €250 fix-xahar, li jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u titlob li tinghata l-arretrati ta' manteniment ukoll. L-attrici trid ukoll li l-manteniment jithallas sakemm it-tifel jaghlaq 18-il sena jew sakemm  jaghlaq 23 sena jekk ikompli jistudja. Kif ukoll tibqa' tippercepixxi l-manteniment.

2. Il-konvenut ighid li meta ltaqa' mal-attrici t-tnejn ma kinux hadu r-relazzjoni taghhom bis-serjeta', izda kien offrielha li tmur tghix temporanjament mieghu u ma' nanntu peress li kienet idejjqet toqghod id-dar taghha fejn kienet tinhasel fuq il-bejt bl-ilma kiesah. Wara xahrejn u nofs, l-attrici kienet harget tqila u ghalkemm ma kienx qed jiehu r-relazzjoni tieghu bis-serjeta' zammha mieghu biex ikollha ambjent ahjar ghal meta twelled it-tarbiija.

Wara li kienet xi xahar u nofs tqila, l-attrici kienet waqfet tahdem u kkonvinciet lill-employer taghha sabiex ighid li kecciha fit-*termination form* taghha, mhux li telqet u dan sabiex setghet tibbenifika mill-beneficcji socjali u dan dejjem kien it-tir taghha.

Jispjega li sakemm l-attrici baqghet toqghod maghhom kienet qalghet hafna inkwiet. Ma kienet taghmel xejn fid-dar ta' nanntu u kienet traskurata. Izid ighid li l-attrici kienet qaltlu li ma kinitx bi hsiebha tirritorna lura x-xoghol.

Minhabba d-dizgwid li bdiet taqla' l-attrici, kellhom isibu residenza b'kirja sat-twelid u kienu marru jghixu fl-indirizz Trejqet il-Mithna, Zabbar. Il-kuntratt ta' kirja kien fuqha sabiex setghet tircievi l-beneficcji ta' single mother u dan meta kien qed imantniiha.

Il-konvenut jammetti li kellu suspetti li t-tifel seta' ma kienx tieghu ghaliex l-attrici kienet tip li thobb tigri ma' dak u mal-iehor. Jikkonferma ukoll li kien prezenti ghat-twelid tat-tifel u kien ghamel lejl hemm u dan kuntrarjament ghal dak li allegat l-attrici. Kien anke ltaqa' mat-tabib li rassikurah li l-club foot ma kinitx kondizzjoni gravi u setghet kienet temporanja.

Ighid li malli twieled it-tifel baqa' jinsisti li t-tifel jitnizzel fuq kunjomhu sabiex jigi rikonoxxut bhala missieru.

Ghall-bidu kienu baqghu jghixu flimkien izda kien difficli jghix mal-attrici minhabba l-karattru taghha. Ighid ukoll li l-flus li kienu rcevew mill-baby shower, l-attrici nefqithom kollha biex taghmel it-tattoos.

Izid ighid li kienu ftehmu li kien ser ighaddilha €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, li dejjem hallas regolarment u l-access ikun liberu.

Minhabba li kien hemm glied kontinwu, il-konvenut iddecieda li jitlaq mid-dar. Ighid li wahda mir-ragunijiet kienet li l-attrici ma kinitx mentalment stabbli. L-attrici ma setghetx taccetta li hu ma riedx ir-relazzjoni taghhom tkompli, izda minkejja dan kienet bdiet relazzjoni ma' certu TB. Pero' l-problemi aggravaw malli l-konvenut beda johrog ma'  LB. L-attrici bdiet tivvinta hafna giddeb bhal li t-tifel kien rahom gharwenin u li kien jabbuza, kif ukoll jittraffika d-droga. Hu jinsisti li dan ma kienx minnu.

Dwar it-tifel ighid li kien hemm darbtejn meta hadu Mater Dei ghall-kura, izda dak iz-zmien kienu ghadhom flimkien. Dwar l-appuntamenti l-ohra jghid li ma kienx jaf bihom ghax lanqas kellu kuntatt mal-attrici u fuq kollox kienet tippreferi tiehu lil ommha.

Jispjega illi sakemm it-tifel kellu hames snin dejjem hallas il-manteniment regolarment. Kien ihallas *cash*. Kien waqaf ihallas bejn xahrejn u dan peress li kien bla xoghol sakemm sab xoghol iehor.

Imbaghad kien hemm perjodu fejn kellu jaqsam il-pagament specjalment ghall-habta ta' Jannar, 2020. Sakemm mar ihallas kienet ghamlitlu rapport mal-pulizija. Kien jinsisti maghha sabiex tiffirmalu l-pagamenti, izda bdiet tirrifjuta u ghalhekk kien iddecieda li jzomm il-flus u ma jtihomlhiex.

Minn dakinhar l-attrici bdiet ma turihx lit-tifel u ilu ma jarah sena. Ikompli jiggustifika n-nuqqas ta' hlas billi jghid li missieru spicca *wheel chair bound* u kellu jiehu hsiebu u bhala konsegwenza kellu jieqaf mix-xoghol. Applika ghalhekk mal-ghajnuna socjali bhala c*arer* ta' missieru u kien ghadu qed jistenna l-konferma flimkien mal-pagamenti.

Il-konvenut jistqarr li kien hu li fetah il-proceduri l-Qorti u kienu ppruvaw jaslu ghall-ftehim bonarju, izda l-attrici qatt ma dehret sabiex tiffirma. Jinnega li kien igieghel it-tifel ihossu skomdu mieghu, ghax dejjem kien jiddedikalu l-hin. Kien jipprova jaghtih jiekol ikel bnin peress li skond it-tifel, l-attrici kienet titimghu biss chips u nuggets.

Isemmi meta l-attrici marret tghix Dar Merhba Bik bit-tfal u jghid dan kien minhabba li l-partner tal-attrici u cioe' missier l-ulied l-ohra, kien vjolenti hafna maghha u heddidha li joqtolha.[1]

Kien ikkoncernat minhabba ibnu u kien anke dispost li jiggieled ghall-kura u kustodja esklussiva ta' ibnu u minhabba f'hekk kellu xi jghid mal-attrici quddiem Dar Merhba Bik u kienet l-attrici li kienet gholliet idejha fuq il-konvenut.

[1] DOK. A anness mal-affidavit tieghu.

Ighid ukoll li l-attrici ukoll riedet taghmillu vendikazzjoni billi tuza t-tifel u takkuzah fuq certi affarijiet meta dan ma kienx minnu. L-ex partner tieghu LB setghet tikkonferma dan kollu ghax kienet hi li kienet tikkomunika direttament mal-avukat tieghu ghan-nom tieghu.

Ghad-differenza tal-attrici jghid li hu dejjem trabba f'ambjent tajjeb u b'imhabba kbira, filwaqt li hi kienet qed taghmilha ma' nies perikoluzi u l-istess partner taghha kien iheddiha quddiem uliedha b'mod vjolenti.

Kien sorpriz u mwegga' fl-istess hin meta sar jaf li t-tifel minuri kien ghamel il-precett minn fuq Facebook u ma kinux avzawh u minflok kien hemm prezenti l-partner prezenti tal-attrici.

Jichad li l-attrici ghandha problemi ta' flus, ghaliex minn diversi ritratti li tippostja fuq Facebook jidher li qed tghix hajja lussuza u m'ghandhiex problemi finanzjarji u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li titlob l-ghajnuna minghand ommha, kif ukoll tiehu l-beneficcji socjali.[2]

Ikompli jinnega li kien jaghmel uzu mill-haxixa u fil-fatt kien il-partner tal-attrici li kien ipejjipha quddiem it-tfal.

Irid jikkkonferma li dejjem kien prezenti f'hajjet it-tifel u kien iqatta' hin mieghu u dan kif jirrizulta mid-diversi ritratti li esebixxa.[3]

Illum il-konvenut urtat hafna li gie mcahhad minn ibnu ghal dawn is-sentejn u jhoss li tkun haga difficli sabiex jerga' jirristawra rapport ma' ibnu. Ghalhekk mhux qed jopponi li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri u ma jkollu x'jaqsam xejn iktar maghhom.

[2] Ara Doks. D – I annessi mal-affidavit tieghu.

[3] Dok. K anness mal-affidavit tieghu

Jinnega li meta l-attrici fethet proceduri l-Qorti dan kien minhabba li ma kienx qed itiha flus, izda riedet iktar. Kien mar maghha ghand id-Dipartiment tas-Sigurta' socjali u dan sabiex jiffirmalha peress li missieru kien miet.

Ighid li beda jinsisti mal-attrici li ried inehhi lit-tifel minn kunjomu u b'hekk anke l-attrici kienet tircievi iktar beneficcji socjali.

Il-konvenut jikkonferma li kien hemm diversi proceduri l-Qorti u kien anke fetah medjazzjoni u qabbad lill-attrici ma' tal-Appogg.

Waqt li t-tifel kien qieghed Dar Merhba Bik jikkonferma li kien jarah b'mod regolari.

Kien sussegwentement hareg digriet fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghat-tifel, izda ma semmewx l-access. L-attrici bdiet tinsisti mieghu li ghandu jhallas l-arretrati ta' manteniment.

Meta waqaf jahdem mal-Microelectronics f'Gunju, 2020 kienu keccew in-nies li dahlu l-ahhar.

3. RB, omm l-attrici tikkonferma li l-konvenut kien ipejjep il-haxixa meta beda johrog mal-attrici u anke waqt it-tqala. Tghid ukoll li l-konvenut kien dejjem jilbes salib peress li kien ighid li jara l-ispirti u kienet tahseb li dan kien minhabba l-influenza tad-droga.

Tikkonferma li meta twieled it-tifel bil-kundizzjoni ta' club foot, il-konvenut kien iffissa li t-tifel ma kienx tieghu u hassar minn mal-attrici. L-attrici kienet hadet hsiebu minn dejjem u kienet tghinha. Kienet anke ppruvat iccempel lill-konvenut sabiex jattendi ghall-Maghmudija, izda qatt ma kien irrispondiha.

Tikkorrobora l-verzjoni tal-attrici li d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kienu kkomunikaw mal-attrici li kellha tiehu passi kontra l-konvenut ghall-manteniment, altrimenti kienu ser iwaqqfulha l-beneficcji socjali. Kienu

ppruvaw jikkomunikaw mal-konvenut, izda ghalxejn u spiccat li kellha tiftah proceduri l-Qorti fejn gie ordnat l-access, kif ukoll il-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut.

Izid tghid li ghall-bidu kienet tmur mieghu l-attrici ghall-access sakemm it-tifel beda jidra, izda mbaghad il-konvenut ried jiehdu wahdu, pero' ma kienx baqa' jimxi skond il-hinijiet tal-access u peress li kienet tghin billi tistenna lill-konvenut jigi jigbor lit-tifel u jgibu lura, spiccat li lanqas setghet taghmel pjanijiet ghax ma kienx izomm il-granet u hinijiet ordnati.

Tikkonferma ukoll li t-tifel kien jibki ghax ma kienx irid imur ma' missieru u anke kien ammetta maghhom li missieru kien riedu jmiss is-sider tal-partner tieghu u t-tifel kien rahom ukoll jinhaslu gharwenin flimkien. Hi kif ukoll l-attrici kienu kellmu lill-konvenut li nnega dan kollu. Kien ovju ukoll li l-konvenut kien ikun taht l-influenza tal-haxixa ghax lanqas kien jinduna x'kienet qed tghidlu fuq it-tifel.

Wara li l-attrici kienet harget minn Dar Merhba Bik u marret toqghod il-Bahrija, ried jigbor lit-tifel minghandha xorta u hekk ftehmet mal-attrici, minkejja li hafna drabi lanqas ma kien jitla' ghat-tifel.

Ikkonfermat li l-konvenut ma kienx qed ighaddi manteniment lill-attrici ghall-minuri skond kif ordnat mill-Qorti, imbaghad kien anke waqaf imur ghat-tifel u tghid li ilha ma tarah minn Frar/Marzu, 2020.

3. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta informazzjoni dwar vetturi li kienu u li issa jappartjenu lill-partijiet.[4]

---

[4] Doks. SC1 – SC 4

4.Charmaine Psaila in rapprezentanza tal-APS Bank fejn ikkonfermat li rrizultalha kont wiehed f'isem il-konvenut li llum huwa maghluq.[5]

5. Lorraine Attard, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li kien hemm kont savings f'isem l-attrici, liema kont inghalaq fis-sena 2014.[6]

6. Mireille Scerri, in rapprezentanza ta' BNF Bank ikkonfermat li rrizultalha kont savings f'isem l-attrici li ghadu attiv.[7]

   Irrizultalha ukoll personal loan f'isem l-attrici li nghalaq.[8]

   Kien hemm ukoll Visa classic card li kienet giet ikkancellata.[9]

7. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li kien hemm zewg kontijiet savings f'isem l-attrici,[10] kif ukoll zewg kontijiet savings f'isem il-konvenut, li lkoll ghadhom miftuhin.[11]

8. EP in rapprezentanza ta' Good Shepherds Sisters, Dar Merhba Bik ikkonfermat li l-attrici kienet ghamlet uzu mis-servizzi tlett darbiet, darba bejn il-25 ta' Lulju, 2018 sat-30 ta' Lulju, 2018, mill-5 ta' Ottubru, 2018 sas-7 ta' Novembru, 2018 u mill-4 ta' Marzu, 2019 sat-2 ta' Gunju, 2019.

---

[5] Dok.APS 1
[6]Dok. LA 1

[7] Dok. MS 1
[8] Dok. MS 2
[9] Dok. MS 3
[1010] Dok. JB 1 u JB 2
[11] Dok. JB 3 u JB 4

Kienet marret bit-tlett itfal u meta gew riferuti ghandhom dan kien mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika.

Minn naha taghhom dejjem assikuraw li assistewha mill-ahjar li setghu. Assikuraw li t-tfal attendew l-iskola u l-attrici da parti taghha dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tat-tfal.

Kienet anke konxja hafna minhabba t-tifel Z kien ibati mill-club foot u dejjem segwit it-trattament b'mod rigidu sabiex it-tifel ma jiddeterjorax.

Ikkonfermat li kienet taf il-konvenut ghax kien imur jigbor lit-tifel Z minghand in-nanna materna u kien igibu lura Dar Merhba Bik. Taf li fl-ahhar perjodu li kienu hemm, il-minuri kien imur regolarment ghand missieru, izda kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn kien jibki u jaghmel *tantrum* biex ma jmurx mal-konvenut ghax kien jibza li ma jergax jigi lura.

9. WPC 996 Nicole Camilleri pprezentat erba' rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-konvenut.[12]

10. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment history tal-konvenut.[13] Ighid li l-konvenut baqa' jirregistra ghax-xoghol fl-4 ta' Marzu, 2021 u gie "no longer interested in work."

11. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar beneficcji socjali li rcevew il-partijiet.[14]

---

[12] Dok. NC 1 – NC 4
[13] Dok. JS 1 u JS 2
[14] Dok. ST 1 u ST 2

Minhabba li kien hemm tlett itfal kien hemm zieda fil-beneficcju tac-childrens allowance.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut kien qed jiehu l-unemployment benefit u waqaf fit-2 ta' Jannar, 2021.

12. Gertrude Scerri, in rapprezentanza ta' Mater Dei pprezentat tlett files, tal-partijiet rispettivament u tat-tifel ZW . Tghid li mill-files ma jirrizultax min kien jakkumpanja lill-minuri, izda kien hemm informazzjoni dwar il-medicina li kienu gew preskritti ghall-minuri.

13. Andreana Gellel, ghan-nom tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, tispjega li peress li kien hemm allegazzjonijiet li l-konvenut jabbuza mill-alkohol u d-droga, kienet ipproponiet lill-konvenut sabiex jaghmel it-testijiet l-Appogg, izda minhabba l-pandemiija spiccaw *short-staffed* u spicca li rreferietu l-Agenzija Sedqa jew l-Agenzija Caritas, izda qatt ma bghatilha r-rizultati.
Tispjega li l-konvenut kien qallha li kien hemm intoppi biex jara lil ibnu minn naha tal-omm u ghalhekk qatt ma rah. Lanqas ma kien hemm digriet ghall-access bil-granet u hinijiet fissi. Kienet anke ssuggerit li torganizza laqghat bejnu u l-minuri u taghmel assessment, izda spicca li l-konvenut stqarr maghha li kien ghaddej minn perjodu difficli minhabba l-Qorti u ghalhekk ma xtaqx li dan l-access isir. Dan kien ghall-habta ta' Dicembru, 2021.

Kienet tikkomunika mieghu u kienet tal-parir li sabiex jerga' jkun hemm access, dan kellu jsir b'mod gradwali u kien jehtieg li jkun hemm *commitment* da parti tal-konvenut.

Tikkonferma li l-konvenut kellu problemi familjari ukolll peress li kien qed jiehu hsieb persuna vulnerabbli, izda ciononostante, kien cert li f'dak il-perjodu ma riedx jezercita l-access.

Minn dak li tkellmet mal-minuri kien jidher li l-iktar persuna importanti f'hajtu kienet l-attrici, u maghha kien ihossu sigur, filwaqt li mal-konvenut, tant kienu ma jitlaqghux li ma nbnietx relazzjoni bejn missier u tifel u l-esperjenzi u memorji tieghu ma kinux pozittivi.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>Kura u Kustodja</u>

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut ilu ma jara lil ibnu 'l fuq minn sena. Jakkuza lill-attrici li qalghet qlajjiet fuqu li jabbuza mid-droga u anke jittraffikaha u li gieghel lill-minuri jmiss sider l-ex partner tieghu u rahom gharwenin.

L-attrici kienet waqfet turih lit-tifel meta beda jonqos li jhallas il-manteniment, peress li mhux dejjem kien f'posizzjoni li jhallas, l-iktar minhabba li kellu jiehu hsieb missieru peress li kien spicca *wheelchair bound,* Oltre minn hekk, l-attrici bdiet tirrifjuta li tiffirmalu karta li sar il-hlas ta' manteniment u ghalhekk il-konvenut irrifjuta li jkompli jhallas.

Fil-house visits li kellu ma' Andreana Gellel, li tirrapprezenta l-Appogg, il-konvenut ghamilha cara li m'ghandux oggezzjoni li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici u dan peress li jhoss li saret wisq hsara fuq il-minuri u kull relazzjoni li pprova jibni mal-minuri, illum inkisser u ghalhekk mat-trapass taz-zmien sfortunatament tbieghdu minn xulxin.

Gellel hija tal-istess opinjoni tal-konvenut u fir-rakkomandazzjonijiet taghha kkonkludiet illi:-

> *«Il-minuri sahaq diversi drabi mal-professjonista illi huwa jixtieq jara lill-missier waqt li l-missier qal li hu qata' qalbu u mhux se jkompli jiggieled sabiex ikollu kuntatt mal-minuri, Fid-dawl ta' dawn l-istqarriji, il-professjonista hija tal-umli fehma li ma jkunx hemm kuntatt bejn il-minuri u l-missier u dan sakemm il-missier ma jiddecidix mod iehor u juri li lest li jikkommetti ruhu billi jattendi kors tal-positive parenting u juri li lest li jkun konstanti u stabbli fil-hajja tal-minuri qabel ma jittiehdu decizjonijiet sabiex isir xi forma ta' kuntatt.»*[15]

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet suesposti, il-kura u kustodja ghandha tkun wahda esklussiva ghall-attrici.

**<u>Access</u>**

Huwa carissimu li l-konvenut qata' qalbu u donnu rrassenjat li ma jarax lil ibnu izjed, tant li wasal anke biex ighid li jrid jitnehha mic-certifikat tat-twelid ta' ibnu biex ma jirrikonoxxihx izjed bhala l-missier bijologiku u naturali tieghu. (Dina l-Qorti mhux ser tidhol f'dina l-kwistjoni ghax ma tifffurmax parti mill-mertu ta' dina l-kawza).

Fiz-zmien li kien tkellem ma' Andreana Gellel, mill-Agenzija Appogg kien deciz li ma ried lanqas access ghall-istess minuri, Kienet tat il-fehma taghha, li l-access mhux ser ikun haga facli u dan minhabba li l-ewwel ghandha ssir terapija mat-tifel minhabba li m'ghandux relazzjoni ma' missieru u b'hekk jigi introdott bil-presenza ta' missieru u fl-istess waqt

[15] Fol. 202/203

ghandha ssir hidma mal-konvenut biex ikun hemm « committment » da parti tieghu. Oltre minn hekk peress li hemm allegazzjonijiet ta' abbuz ta' sustanzi, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li ma jkunx wahdu ma' missieru, jiehu l-ghajnuna li hemm bzonn f'agenzijia adattata u specjalizzata, biex imbaghad il-kuntatt jibda gradwalment b'mod fiss u stabbli.

Ghalhekk, dina l-Qorti considerando dak li sahaq il-konvenut u dak li rrakkomandat Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg, l-access m'ghandux jigi ezercitat qabel il-konvenut ikun dispost li jikkometti ruhu ghat-terapija u jiehu ghajnuna mill-agenziji specjalizzati. Jekk ikun il-kaz, dan ghandu jsir flimkien mal-assistenza tal-Agenzija Appogg, imbaghad ghandu jsir rapport lill-Qorti bir-rakkomandazzjonijiet mehtiega. Ghalhekk, hekk kif jibda din it-terapija, ghandu jkun hemm access minimum ta' saghtejn darba fil-gimgha, taht supervizjoni tal-Appogg, li jizdied ghal darbtejn fil-gimgha, u jibqa' jizdied skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Agenzija.

## MANTENIMENT

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** l-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 iddecidiet illi:-

> *"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."*

Ukoll fis-sentenza **TC vs RM** deciza fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. No. 272/2018 il-Qorti marret oltre u kkonkludiet illi:-

*"…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."*

Huwa facli ghall-konvenut li jfarfar minn kull responsabbilita' ghax huwa mwegga' u rrabjat peress li ilu ma jara lil ibnu. Il-Qorti tifhem ir-rabja tieghu, pero' ciononostante, gialadarba gab tifel fid-dinja ma jistax jahrab mid-dmirijiet u obbligazzjonijjiet tieghu bhala missier.

Ma jirrizultax illi ghandu xi dizabilita' jew impediment li ma jhallux jahdem. Jirrizulta biss li huwa wild uniku u peress li missier spicca f'wheelchair hu biss seta' jiehu hsieb u ghalhekk kellu jitlaq mill-impjieg tieghu. Kellu japplika biex jircievi beneficcji socjali, kif ukoll beneficcji bhala *carer* ta' missieru, pero' kien ghadu ma rcieva xejn. Sadanittant kien qed ighinu finanzjarjament missieru ukoll. Madanakollu, il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kellu problemi biex jahdem. Ikkonferma li kien hadem mal-Micro Electronics, izda kien gie redundant.

Ma jirrizultax li l-attrici tahdem u resqet provi li mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kienu talbuha sabiex tipproduci evidenza li bdiet proceduri ghall-manteniment quddiem il-Qorti sabiex iwaqqfu l-beneficcji. Kien ghalhekk li b'digriet tal-1 ta' Awissu, 2019, dina l-Qorti ordnat lill-

konvenut sabiex ihallas €250 fix-xahar ghall-minuri u dawn jinkludu spejjes ghall-edukazzjoni u sahha.

Il-fatt li l-konvenut irid jelimina lill-minuri minn hajtu ma jfissirx u lanqas ma jiggustifika li ghandu jehles mill-obbligi tieghu ta' missier. Lanqas ma' dina l-Qorti tippretendi li ghandu jabbuza mic-cirkostanzi, biex fl-istess waqt idawwar ic-cirkostanzi ghall-vantagg tieghu. Jekk kien hemm problemi b'missieru dan m'ghandux ikun a skapitu tal-bzonnijiet tal-minuri.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti tikkonferma d-digriet tal-1ta' April, 2019 u tordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' €250 fix-xahar, liema somma ghandha tinkludi fiha l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u ghandha tibqa' tithallas sakemm it-tifel jibda jahdem, jew jaghlaq tmintax-il sena jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk ikompli jistudja fuq bazi full time, liema wahda minn dawn tavvera ruhha l-ewwel.

## Arretrati ta' manteniment

Dwar l-arretrati ta' manteniment, il-konvenut xehed li kien hemm zmien fejn talabha iktar zmien peress li kien batut finanzjarjament, izda sakemm mar ihallasha kienet diga' ghamlet rapport mal-pulizija. Sabiex jigu evitati problemi ulterjuri simili, kien talabha sabiex tiffirmalu rcevuta fuq kull hlas ta' mantneiment u rrifjutat. Minhabba f'hekk, il-konvenut iddecieda li kien ser izomm il-flus, jekk kemm il-darba ma kienx ser ikollu rendikont tal-pagamenti li kien qed jaghmel.

Il-provi ghalhekk juru li huwa minnu li l-konvenut ma hallasx manteniment ghal tul ta' zmien. Jidher li bejn din il-koppja hemm pika infantile li qed tikkawza hsara irreparabbli lill-minuri. Fl-affidavid tieghu ippresentat f'Lulju tal-2021, il-konvenut jghid li kien waqaf ihallas il-manteniment xi

sena qabel. Ghalhekk jidher li hemm zgur sentejn b'lura x'jithallsu mill-konvenut. Madankollu, jidher ukoll li hemm problemi serji hafna bl-access, tant li l-konvenut stqarr li lest li ma jarax lil ibnu ghall-gid tat-tifel, u li sahansitra jrid ihassar ismu minn fuq ic-certifikat tat-twelid. Dan zgur mhuwiex ta' gid ghall-minuri. Jghid x'jghid il-konvenut, missier m'ghandux jabdika mir-responsabbilta' tieghu u ma jarax lil ibnu.

Ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti qed tillikwida arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €200 fix-xahar ghal sentejn, minn gunju 2020 sad-data ta' din is-sentenza, ammontanti ghal €4,800.00, il-Qorti sejra torbot dan il-hlas ma' zewg kundizzjonijiet. L-ewwel, li l-omm tiehu lit-tifel ghall-access kif dekretat, kull gimgha, ghal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur. It-tieni, li l-missier jattendi ghal dan l-access, ghall-istess perjodu. Jekk l-omm ma tiehux il-minuri ghall-access f'dan il-perjodu, l-ebda arretrati ma jkunu dovuti. Bl-istess mod izda bil-kontra, jekk il-missier ma jattendix ghall-access f'dan il-perjodu, l-arretrati jigu dovuti minnufih. Huwa ghajb ghal genituri li jintilfu f'piki stupidi li minghalihom ha jpattuha lil xulxin meta fil-verita' l-atkar persuna li qed twegga' bl-agir taghhom hija l-persuna l-aktar ghaziza ghalihom u li suppost l-aktar li jsib wens fihom it-tnejn.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba’ talba limitatament ghal kif fuq mfisser.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment fl-ammont kif fuq imfisser.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici, peress li l-istess spejjes gew inkluzi fl-ammont ta’ manteniment li ghandu jhallas il-konvenut.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici kif hawn fuq spjegat.

L-ispejjes ghandom jigu sopportati b’mod indaqs bejniethom.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella** **Registratur**